MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 1788/2005

**Talba Nru: 1788/05VGD**

Burmarrad Commercials Limited (C13537)

Vs

Leslie Muscat ezercenti l-kummerc bhala
Zefferino u Mario Deguara , jew min minnhom.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' mija u erbatax il-lira Maltin u disghin centezmu (Lm114.90c) minghand il-konvenuti jew min minnhom, rapprezentanti ammont ta' kiri ta' vetturi,

bin-numru ta' registrazzjoni FBP 646 u DAD 296 abbazi ta' zewg skritturi privati ta' vehicle leasing, it-tnejn datati 30 ta' April, liema ammont baqa ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet lilhom maghmula. Bl-ispejjes, inkluz l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu is-somma ta' mija u erbatax il-lira Maltin u disghin centezmu (Lm114.90c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------